**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Marzu, 2002**

**Numru 11**

**Avviz. numru 1710/01JR**

**Alfred u Giuzeppa mizzewgin Mangion**

**vs**

**Hector Carter**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attrici fis-7 ta' Dicembru 2001 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm852.00), premess illi skond skrittura tal-kera ta' l-14 ta' Ottubru, 1998, il-konvenut kera l-hanut fil-kantuniera bejn Triq l-Ghanba u Triq il-Passolina, Attard, bil-kera ta' sitt liri Maltin (Lm6.00) kuljum u b'effett mill-1 ta' Novembru, 2001, bil-kera ta' tmein liri Maltin (Lm8.00) kuljum;**

**Il-konvenut ghandu jhallas tmien mija tnejn u hamsin lira Maltija (Lm852.00) lill-atturi u cioe` mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00) ghall-Settembru, mija**

**u sitta u tmenin lira Maltija (Lm186.00) ghall-Ottubru, mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00) ghall-Novembru, u mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm248.00) ghall-Dicembru, 2001;**

**Il-konvenut interpellat bl-ittra legali tad-19 ta' Ottubru, 2001 ghall-hlas baqa' ma hallasx.**

**Ra li deher il konvenut fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2002, li kkontesta t-talba u ddikjara li l-ammont pretiz mill-atturi kien hallsu fit-12 ta' Dicembru, 2001.**

**Semgha x-xhieda ta' Hector Carter u Alfred Mangion.**

**Ra n-nota prezentata mill-atturi fis-7 ta' Marzu, 2002, li biha gie cedut is-sorte pero` nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u rrizulta li l-pagament sar fil-mori tal-kawza;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**Dr Joseph Refalo**

**Gudikatur**